MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 67/2008/1

**Wands Limited**

**vs**

**William Dingli u Anthony Dingli**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tat-Talba permezz ta' liema s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' elf mija u zewg Euro u disgha u hamsin centezmu (€1,102.59) rapprezentanti prezz ta' prodotti mibjugha u konsenjati lilhom skond *statement of account* anness ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "A"; bl-

ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Awissu 2007, u bl-imghax kummercjali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Ra r-Risposta tal-konvenuti permezz ta' liema laqghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (a) illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (b) illi l-konvenut Anthony Dingli ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici fl-azzjoni odjerna; (c) il-kreditu pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut u l-prova ta' l-istess tinkombi fuq is-socjetà attrici; u (d) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt – ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici.

Ra illi l-konvenuti talbu u ottjenew l-awtorizzazzjoni sabiex iressqu eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni kwinkennali[1] izda, waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2009 l-istess konvenuti rrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni ulterjuri[2].

Ra l-provi prodotti mis-socjetà attrici fosthom l-*istatement of account* anness bhala Dok. "A" ma' l-Avviz tat-Talba, fattura datata 4 ta' Settembru 2002 li taghha qed jintalab il-hlas bl-azzjoni odjerna, esebita bhala Dok. "W1" a fol.15 tal-process, ftehim ta' kreditu bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti esebit bhala Dok. "W2" minn fol.16 sa' 19 tal-process, ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Awissu 2007 esebita bhala Dok. "W3" a fol.20 tal-process u sema' x-xhieda ta' Diane Nascena prodotta bhala xhud mis-socjetà attrici waqt is-seduta tal-21 ta' April 2009 u ra d-dokumenti

[1] Rikorsipprezentat fl-24 ta' Gunju 2008 fol. 10 tal-process u degretat fil-25 ta' Gunju 2008 fol. 11 tal-process.
[2] Fol. 34 tal-process.

esebiti minnha bhala Dok. “DM1” u Dok. “DM2” a fol.54 u 55 tal-process.

Ra l-affidavit tal-konvenut William Dingli a fol.25 tal-process u ra wkoll id-dokument Dok. “WD1” anness ma’ l-imsemmi affidavit. Sema’ x-xhieda in kontro-ezami tal-konvenut William Dingli moghtija waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2009.

Ra l-atti l-ohra tal-kawza u sema’ t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra illi waqt is-seduta tas-6 ta’ Lulju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti:**

Is-socjetà attrici qed tfittex ghall-hlas tas-somma ta’ €1,102.59 rapprezentanti l-valur ta’ prodotti minnha mibjugha u konsenjati lill-konvenuti ghal liema prodotti ghandhom ihallsuha l-konvenuti jew min minnhom. In sostenn tal-pretensjoni li dan l-ammont huwa lilha dovut mill-konvenuti jew min minnhom is-socjetà attrici esebit *statement of account* anness bhala Dok. “A” ma’ l-Avviz tat-Talba, il-fattura li l-import taghha qed jintalab il-hlas esebita bhala Dok. “W1” a fol.15 tal-process, ftehim ta’ kreditu bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti esebit bhala Dok. “W2” minn fol. 16 sa’ 19 tal-process u ressqet bhala xhud lil Diane Nascena waqt is-seduta tal-21 ta’ April 2009.

Mill-ftehim ta’ kreditu esebit bhala Dok. “W2” jirrizulta li l-konvenut William Dingli kien ftiehem fuq *credit terms* mas-socjetà attrici u l-konvenut Anthony Dingli kien dahal bhala garanti ghall-konvenut William Dingli favur is-socjetà attrici u kkostitwixxa ruhu bhala *a joint and several debtor with the Re-seller* [ossia l-konvenut William Dingli] *in favour of the Company which accepts in respect of the Re-seller’s obligations under the terms of credit*. In oltre ai termini ta’ dan il-ftehim il-partijiet

*inter alia* qablu li s-socjetà attrici setghet tipprocedi *for the recovery of any balance due hereunder against either the Re-seller or the Guarantor or against both the Re-seller and the Guarantor at the same time*.

Fit-23 ta' Awissu 2007 is-socjetà attrici pprezentat ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-konvenuti fejn interpellathom sabiex ihallsuha s-somma ta' Lm473.34, ekwivalenti ghal €1,102.59, izda l-konvenuti baqghu inadempjenti u s-socjetà attrici kienet kostretta tistitwixxi l-proceduri odjerni fil-konfront taghhom.

Min-naha tal-konvenuti xehed biss il-konvenut William Dingli illi essenzjalment qal li huwa kien jixtri minghand is-socjetà attrici xoghol ghall-hanut li kellu l-Isla. Huwa minn dejjem kellu ftehim mas-socjetà attrici li *x-xorb kollu li nirritorna lura lilhom jitnaqqas mis-somma globali li kelli nhallas. Din hija prassi fit-tip ta' negozju li kont niggestixxi jien. Fil-fatt tax-xoghol jiena kont inhallashom wara ftit zmien, meta niddeciedi kemm mix-xoghol li nkun ordnajt se inzomm u kemm se naghti lura. Tant hu hekk li kelli ftehim maghhom fejn huma kienu jippermettuli kreditu ghal ftit zmien*[3].

Fir-rigward ta' l-ammont pretiz mis-socjetà attrici l-konvenut William Dingli jikkontendi li dan illum jinsab kollu imhallas. In sostenn ta' din il-pretensjoni huwa esebixxa l-kopja tieghu tal-fattura meritu tal-kontestazzjoni – din giet minnu esebita bhala Dok. "WD1" annessa ma' l-affidavit tieghu[4].

Fuq dan id-dokument hemm imhazza l-ittri RET u numru li l-konvenut William Dingli spiega li huwa l-ammont ta' *returns* li kellu fuq din il-fattura. Skond il-konvenut il-valur ta' dawn ir-*returns* kellu

[3] Affidavit tal-konvenut a fol. 25 tal-process.
[4] Fol. 26 tal-process.

jitnaqqas mill-import globali ta' l-istess fattura. Fuq dan id-dokument hemm imnizzla s-somma ta' Lm256.54 u tahtha l-kelma "PAID" bid-data ta' l-10 ta' Settembru 2002 u firma. Il-konvenut William Dingli spiega li s-somma ta' Lm256.54 hija l-ammont li kellu jithallas minnu fuq din il-fattura wara li tnaqqas l-ammont ta' Lm160.80, il-valur tar-*returns* li kellu, u l-ammont ta' Lm56, skont moghti lilu mis-socjetà attrici. Huwa jghid li hallas is-somma ta' Lm256.54 lill-impjegat tas-socjetà attrici li ghamillu l-kelma PAID bid-data ta' l-10 ta' Settembru 2002 fuq il-fattura u ffirma l-istess fattura.

Ghalkemm il-konvenut qal li fuq il-fattura in kwistjoni hemm il-firma ta' l-impjegat tas-socjetà attrici li rcieva l-hlas minghandu, ma setghax jiftakar dan min kien minhabba t-trapass taz-zmien. William Dingli xehed illi *nghid li din ma kienitx l-unika okkazzjoni li jien xtrajt minghand is-socjetà attrici. Kull darba li jien kont inhallas rapprezentant tas-socjetà attrici kien jiffirmali fuq l-invoice*[5].

In kontro-ezami l-konvenut William Dingli xehed illi huwa dam jiehu xoghol minghand is-socjetà attrici madwar erba' xhur, bejn wiehed u iehor il-perijodu li dam miftuh il-bar tieghu. Il-hlasijiet lis-socjetà attrici gieli kienu jsiru *cash* jew inkella bl-invoice. Meta kien ikollu *returns* kien javza lis-salesman tas-socjetà attrici u dan kien imur ghandu biex jigborhom izda, ma ftakarx jekk kienx jaghtih dokument jew karta meta jigbor ir-*returns*.

B'referenza ghall-fattura minnu esebita bhala Dok. "WD1" flimkien ma' l-affidavit tieghu u ghas-suggeriment li mhux soltu li ssir kitba fuq il-fattura li tibqa' ghand il-kummercjant, William Dingli rrisponda li *f'dan il-kaz partikolari min kien gie biex jigbor ir-returns kien kitibli fuqha illi l-ammont kien*

[5] Affidavit tal-konvenut a fol. 25 tal-process.

*thallas. Din l-invoice kienet qieghda ghandi handy dak il-hin ghax kont qieghed il-bar u allura stajt nghaddhielu. Jiena nghid illi meta bqajt nircievi statements minghand is-socjetà attrici qabel infethet il-kawza, kont anki bghattilhom kopja ta' din il-fattura fejn urejthom illi din kienet "paid"*[6].

Biex tirribatti l-allegazzjoni tal-konvenut illi l-import tal-fattura meritu tal-kontestazzjoni jinsab imhallas bil-mod kif spiegat minnu, is-socjetà attrici ipproduciet bhala xhud lil Diane Nascena, *accounts officer* mas-socjetà attrici.

Diane Nascena xehdet illi *fir-rigward ta' l-ordinijiet nghid illi l-ordni generalment issir jew mas-sales representative tas-socjetà jew inkella tramite it-telephone. Meta tidhol l-order dina tigi processed u d-delivery ssir l-ghada ta' l-invoice. Meta tinhareg invoice din fuqha jkollha credit period. Il-credit periods ivarjaw minn klijent ghall-iehor. L-invoice tigi ffirmata minghand il-klijent, hu jzomm l-invoince u ahna tibqa' kopja ghandna. Fir-rigward tar-returns nghid lli meta klijent ikollu bzonn jaghmel xi returns, dan irid jimla' formula illi fuqha jindika l-prodott illi ser jigi returned u l-kwantità ta' kemm se jigi returned*[7]*. Din il-formola tinghata lilna u imbaghad ahna nghadduha lil general manager ghall-approvazzjoni tieghu. Meta din tigi approvata l-formola tintbaghat il-warehouse biex huma jkunu jafu xi jrid jingabar bhala returns. Meta d-driver imur biex jigbor ir-returns huwa johrog credit note*[8] *favur il-klijent partikulari li tigi ffirmata mid-driver biss, jigifieri l-klijent il-credit note ma jiffirmahiex. Il-klijent izomm kopja tal-credit note u ahna jkollna kopja ohra … qed nigi murija dokument WD1 a fol. 26 tal-process li hija l-fattura relattiva ghall-konvenut u nghid illi l-procedura illi jidher illi intuzat f'din l-okkazzjoni ma hijiex il-procedura*

6 Kontro-ezami tal-konvenut waqt is-seduta tal-21 ta' April 2009, fol. 48 tal-process.
7 Dok. "DM1" a fol. 54 tal-process.
8 Dok. "DM2" a fol. 55 tal-process.

*normali ghax ahna l-policy tal-kumpanija hija li timtela' l-credit note form. L-invoice ma tintmess qatt … Jiena nghid illi l-procedura illi hija policy taghna li tintuza hija dik li ghadni kif spjegajt jigifieri illi timtela' l-formola tar-returns u li tinhareg il-credit note mid-driver. Madanakollu jiena fil-kwistjoni tal-konvenut ma kontx involuta personali meta qed jigi allegat illi gew ritornati r-returns u giet iffirmata l-fattura allura ma nistghax neskludi illi gara hekk f'dan il-kaz*[9].

Diane Nascena ppruvat tqabbel il-firma li tidher fuq il-fattura esebita mill-konvenut William Dingli mar-*records* tas-socjetà attrici biex tara tistghax tidentifika l-identità ta' l-impjegat ta' l-istess socjetà li allegatament iffirma dik il-fattura izda, ma rnexxielha ssib ebda riskontru.

**Konsiderazzjonijiet:**

It-Tribunal ser jittratta l-ewwel l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ossia, l-eccezzjoni li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal mhux ha jikkonsidra l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni kwinkwennali li l-konvenuti riedu jressqu billi waqt is-seduta tat-3 ta' Frar 2009 huma rrinunzjaw ghal din l-eccezzjoni.

L-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija u oggetti ohra mobbli mibjugha bl-imnut jaqghu bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar.

Minn dan jirrizulta li l-precitat artikolu tal-Ligi japplika biss f'kaz fejn bejn il-kreditur u d-debitur sehh bejgh bl-imnut.

---

9 Xhieda Diane Nascena waqt is-seduta tal-21 ta' April 2009, fol. 50 sa' 52 tal-process.

Il-bejgh bl-imnut ifisser bejgh f'kwantitajiet zghar lill-pubbliku – *sale of goods in small quantities to the public, usually through a shop*[10]. Fil-bejgh bl-imnut huma kontemplati dawk kollha, sia kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ghall-konsum giornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. B'hekk l-Artikolu 2148(6) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprexxindi mill-kwalità tal-persuni, tant illi ma jharisx lejn dik li tista' tkun il-professjoni abitwali tal-partijiet, izda jhares lejn il-bejgh partikolari in kwistjoni *per se*.

Il-gurisprudenza nostrali taghmel distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa u din id-distinzjoni hi bbazata fuq il-fatt illi *fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex tigi rivenduta jew manifatturata f'opra jew fejn wiehed ibiegh lil persuni biex jinnegozzjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantità apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa … il-grossista "vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro"*[11].

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut William Dingli kien jixtri minghand is-socjetà attrici xoghol ghall-hanut li huwa kellu gewwa l-Isla u l-ammont pretiz mis-socjetà attrici fl-azzjoni odjerna huwa ghall-valur ta' prodotti minnha mibjugha u konsenjati lill-konvenut ghal dan in-negozju. Ghalhekk fid-dawl tal-principju appena citata, it-transazzjoni bejn is-socjetà attrici u l-konvenut kienet wahda ta' bejgh bl-ingrossa u mhux ta' bejgh bl-imnut u ghaldaqstant l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta invokat mill-konvenuti ma huwiex applikabbli fil-kaz in ezami.

---

[10] Vide sentenza fl-ismijiet "Geordie Co. Ltd. v. Mario Azzopardi" Citaz. Nru. 2196/00JA deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2004.

[11] Vide sentenza fl-ismijiet "Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited" Appell Civili Nru. 148/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005.

Ghaldaqstant, l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuti qed tigi michuda.

It-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuti hi fis-sens li l-konvenut Anthony Dingli ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjetà attrici.

Mill-provi prodotti, partikolarment mid-dokument a fol.19 tal-process, jirrizulta li l-konvenut Anthony Dingli accetta li jkun garanti ghall-konvenut William Dingli favur is-socjetà attrici u li jikkostitwixxi ruhu bhala *a joint and several debtor with the Re-seller in favour of the Company which accepts, in respect of the Re-seller's obligations under these Terms of Credit. All the parties of this Agreement agree that Company has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Re-seller or the Guarantor or against both the Re-seller and the Guarantor at the same time*.

Fid-dawl ta' din l-obbligazzjoni assunta mill-konvenut Anthony Dingli fil-konfront tas-socjetà attrici, l-istess Anthony Dingli illum ma jistghax jikkontendi li ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u b'hekk jippretendi li ma huwiex il-legittimu kontradittur taghha u li konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda wkoll.

It-tielet u raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti huma fil-meritu u permezz ta' l-istess il-konvenuti jikkontendu li t-talba attrici ghandha tigi michuda ghaliex l-ammont pretiz mhux dovut u t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt.

Fl-affidavit tieghu l-konvenut William Dingli jelabora dawn iz-zewg eccezzjonijiet u jikkontendi

li l-ammont pagabbli mill-fattura meritu tal-kontestazzjoni gie minnu imhallas fl-10 ta' Settembru 2002.

Fir-rigward tal-prova in sostenn ta' din il-pretensjoni tieghu, il-konvenut jikkontendi li: (i) l-eccezzjoni tal-pagament ma tezonerax lill-kreditur milli jipprova l-kreditu minnu pretiz u skond l-istess konvenut is-socjetà attrici din il-prova ma rnexxlhiex taghmilha; u (ii) illi ricevuta tal-hlas mhix indispensabbli u fi kwlaunkwe kaz skond hu, ressaq prova sodisfacenti tal-pagament stante li ikkonferma bil-gurament li effettwa dan il-hlas.

Is-socjetà attrici min-naha taghha tikkontendi li ma huwiex kredibbli li l-konvenut William Dingli hallas l-import tal-fattura meritu tal-kontestazzjoni u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) illi l-konvenut William Dingli qatt qabel dawn il-proceduri ma semma li l-ammont minnha pretiz huwa imhallas; (ii) illi s-sistema tar-*returns* kif spiegata mill-konvenut fl-affidavit tieghu ma hijiex is-sistema adottata mis-socjetà attrici; (iii) illi l-konvenut huwa *credit client* u mhux *cash sale client*; u (iv) illi l-firma fuq il-fattura prodotta mill-konvenut ma setghet titqabbel ma ebda firma ta' l-impjegati tas-socjetà attrici.

Il-principji guridici dwar il-provi mehtiega f'azzjonijiet ta' kreditu huma li l-kreditur attur irid jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa d-debitur tieghu. Sakemm il-kreditur attur ma jaghmilx din il-prova l-konvenut jibqa' assisstit ill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq il-kreditur attur. Jekk però l-kreditur jirnexxielu imqar *prima faciae* jistabilixxi l-pretensjoni tieghu, allura l-piz tal-prova jinqaleb fuq il-konvenut li, fil-kaz in ezami, qed jinvoka l-pagament.

Dawn il-principji gew enuncjati fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja**,

Appell Civili Nru. 554/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.

Fil-precitata sentenza hemm enuncjat ukoll il-principju li l-konvenut li jallega l-pagament u li jrid jghaddi biex jipprova din l-allegazzjoni tieghu ma ghandux ghalfejn necessarjament jipproduci ricevuti; provi ohra konvincenti jibbastaw skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz li jkun, kif emergenti mir-rizultanzi processwali.

Fil-fehma tat-Tribunal is-socjetà attrici rnexxielha tistabilixxi li l-konvenuti huma debituri taghha.

Din il-prova saret permezz tal-prezentata tal-fattura datata 4 ta' Settembru 2002 li taghha qed jintalab il-hlas, ta' l-i*statement of account* pertinenti ghall-konvenut William Dingli, tal-*Credit Agreement* bejn is-socjetà attrici u l-konvenut William Dingli u l-ftehim bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti William Dingli u Anthony Dingli fejn dan ta' l-ahhar ikkostitwixxa ruhu garanti solidali mal-konvenut l-iehor favur is-socjetà attrici. In oltre gie ikkonfermat li l-ammont ta' €1,102.59 mitlub mis-socjetà attrici bl-azzjoni odjerna ghadu lilha dovut[12]

Fic-cirkostanzi ghalhekk, ladarba s-socjetà attrici rnexxielha tipprova l-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti l-oneru tal-prova inqaleb minn fuqha ghal fuq il-konvenuti li, kif già inghad, laqghu ghall-azzjoni attrici bl-allegazzjoni tal-pagament.

Fil-fehma tat-Tribunal il-prova tal-pagament prodotta mill-konvenuti ma hijiex bizzejjed biex tikkonvinci lil dan it-Tribunal illi l-import pagabbli fuq il-fattura meritu tal-kontestazzjoni effettivament thallas minn William Dingli.

---

[12] Seduta tat-23 ta' Gunju 2008, fol. 12 tal-process.

Ghalkemm il-konvenut William Dingli xehed dwar il-mod kif skond hu sehh il-pagament ta' l-import tal-fattura in kwistjoni, mix-xhieda li tat Diane Nascena irrizulta li l-*policy* adottata mis-socjetà attrici fir-rigward tar-*returns* li jkollhom il-klijenti taghha hija ben diversa minn kif spiegat mill-konvenut.

Ghalkemm in kontro-ezami Diane Nascena qalet li ma setghetx teskludi ghal kollox li xi impjegat tas-socjetà attrici ma jimxix skond il-*policy* adottata mill-istess socjetà, xorta jibqa' l-fatt li l-konvenuti ma rnexxilhomx jressqu prova konvincenti li dak hu li fil-fatt gara fil-kaz sotto esame.

Il-konvenuti jibbazaw l-allegazzjoni tal-pagament fuq il-kontestazzjoni li impjegat tas-socjetà attrici gabar il-flus relattivi ghall-fattura meritu tal-kontestazzjoni, immarka l-kelma “PAID” fuq il-fattura fil-pussess tal-konvenut William Dingli u ffirma l-istess fattura.

Ma hemm ebda dubju li l-identità ta' dan l-impjegat tas-socjetà attrici hija ferm importanti ghall-kredibilità ta' l-allegazzjoni tal-konvenuti, identità però li baqghet qatt ma giet svelata jew b'mod iehor ippruvata.

Il-konvenut William Dingli konvenjentement jinheba wara l-iskuza tal-*lapsus* tal-memorja minhabba t-trapass taz-zmien meta quddiem dan it-Tribunal ma zvelax l-identità ta' dan l-impjegat li mmarkalu l-fattura in kwistjoni bhala imhallsa.

Fil-fehma tat-Tribunal però din l-iskuza ma hijiex sostenibbli.

Fi kliem il-konvenut stess is-socjetà attrici kienet ilha zmien twil tibghatlu *reminders* biex ihallas is-somma minnha pretiza u ghalhekk ma huwiex affattu kredibbli li l-konvenut nesa proprio l-identità ta' l-unika persuna li setghet tikkorobora l-

pretensjoni tieghu li l-import tal-fattura in kwistjoni kien thallas minnu u b'hekk tezonerah mill-obbligu li jhallas lis-socjetà attrici s-somma minnha pretiza!

Barra minhekk Diane Nascena xehdet illi minn paragun li ghamlet bejn il-firma li tidher fuq il-fattura esebita mill-konvenut William Dingli u r-*records* tas-socjetà attrici, ma sabet ebda riskontru bejn dik il-firma u l-firem ta' l-impjegati tas-socjetà. B'hekk lanqas b'dan il-mod ma setghet tigi zvelata l-identità ta' dan l-impjegat li allegatament gabar il-flus minghand il-konvenut Dingli u mmarkalu l-fattura in kwistjoni bhala "PAID".

Ghalhekk, fin-nuqqas ta' ricevuta tal-hlas u fin-nuqqas ta' provi ohra konvincenti li jistghu jwasslu lil dan it-Tribunal ghall-konkluzzjoni li s-somma pretiza mis-socjetà attrici già tinsab imhallsa mill-konvenuti, necessarjament jirrizulta li l-istess konvenuti, William Dingli *qua* debitur u Anthony Dingli *qua* garanti solidali mieghu, huma obbligati li flimkien u solidalment bejniethom ihallsu lis-socjetà attrici s-somma reklamata ta' €1,102.59.

Ghaldaqstant it-tielet u raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti qed jigu michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u l-eccezzjoni li Anthony Dingli ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu mhux legittimu kontradittur tas-socjetà attrici, fil-meritu jichad l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti u minflok jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu s-somma ta' elf mija u zewg Euro u disgha u hamsin centezmu (€1,102.59), bl-imghax dekoribbli mit-3 ta' Novembru 2002, ossia minn

> sittin gurnata wara l-fattura datata 4 ta' Settebru 2002, sad-data ta' l-effettiv pagament. L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 23 ta' Awissu 2007, jibqghu a karigu tal-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.**"**

Minn din is-sentenza l-konvenuti intavolaw appell biex jikkontestaw lit-Tribunal ksur tal-principju ta' gustizzja naturali konsistenti f'lezjoni tal-jeddijiet procedurali taghhom. Huma jobbjettaw ukoll illi t-Tribunal ghamel apprezzament zbaljat tal-provi u dan wassal ghall-vjolazzjoni gravi tal-principju ekwitativ fil-konfront taghhom;

Bl-ewwel motiv ta' aggravju l-appellanti jikkwerelaw l-akkoljiment mit-Tribunal tat-talba tas-socjeta` attrici ghall-produzzjoni ta' aktar provi wara l-gheluq ta' l-istadju tal-provi taghha u wara wkoll li kien diga` ddepona William Dingli. Huma, konsegwentement, jikkontendu illi gew imqeghda f'sitwazzjoni anqas vantagguza minn dik tas-socjeta` attrici bi ksur tal-principju tal-*equality of arms*;

Fuq l-akkoljiment *ut sic* tat-talba ghall-produzzjoni ta' xhieda, hu *jus receptum* fi skorta ta' sentenzi illi "f'materja ta' rilevanza (jew superfluwita`) ta' provi, Qorti tat-tieni grad, bhala regola, ma tindahalx fid-diskrezzjoni ta' dik ta' l-ewwel grad, jekk mhux ghall-motiv gravi". Ara "**Harold Scorey -vs- Joseph Avellino *et***", Appell Civili, 5 ta' Mejju, 1975 u s-sentenzi f'din elenkati. Fil-kuntest, issokta jigi elaborat illi "l-principju generali ghandu jkun, u dan hu rifless fil-provvedimenti tal-Kodici ta' Procedura li jirregola t-tmexxija tal-procediment kontenzjuz illi l-Qorti kellu jkollha diskrezzjoni mill-aktar wiesgha fil-kondotta tal-kawza u fil-produzzjoni ta' xhieda. Il-Qorti tista' mhux biss, fil-waqt ta' ezami jew ta' kontro-ezami, taghmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhrilha mehtiega jew spedjenti (Artikolu 582), imma tista' dejjem, ghar-raguni tajba,

tirregola xort'ohra kif ghandhom jingiebu l-provi wkoll f'ordni divers minn dak fil-Kodici stabbilit." Ara "**Tarcisio Agius *et* -vs- Dr. Victor Bajada *et nomine***", Appell, 6 ta' Ottubru, 1999;

Apparti l-konsiderazzjoni li t-Tribunal specjali adit mhux lanqas marbut bir-regoli sagromentali tal-Kodici ta' Procedura, izda skond kif it-Tribunal ikun "jidhirlu xieraq" [Artikolu 9(1), Kapitolu 380], fil-kaz in ezami, ir-"raguni tajba" li tissemma fil-precitata sentenza hi mit-Tribunal ben spjegata fid-digriet tieghu tas-17 ta' Marzu, 2009. Minnu hu sew ravvizat illi t-talba tas-socjeta` attrici ghall-produzzjoni ta' aktar xhieda kienet hekk necessarja in kwantu l-konvenuti ma kienux spjegaw mill-bidunett u b'mod car fl-eccezzjonijiet minnhom opposti illi huma kienu qeghdin jintendu l-pagament, kif hekk fi stadju ulterjuri vantat mill-konvenut William Dingli fl-Affidavit tieghu. Bla dubju ta' xejn, f'dawk ic-cirkostanzi, il-produzzjoni tax-xhud kienet gustifikata u t-Tribunal sewwa pprovda;

Issa fuq l-ilment sussidjarju kontenut fl-ewwel aggravju dwar il-lezjoni tal-principju tal-*equality of arms*, jibda biex jigi osservat illi certament hemm qbil illi dak il-principju ghandu jigi rispettat, anke ghaliex hu wiehed inderogabbli. Dan fis-sens illi l-partijiet ghandu jkollhom il-possibilita` paritarja li jipproducu l-provi u li jaghmlu d-deduzzjonijiet taghhom ghas-sostenn ta' l-assunti taghhom. Dan jinzel sew mid-dottrina legali kif ukoll f'certi decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali. Ara a propozitu fuq il-principju s-sentenza ta' dik il-Qorti fl-ismijiet "**Joseph Grech -vs- L-Avukat Generali**", 20 ta' Dicembru, 2000;

Dan premess, fir-realta` tal-vicenda processwali in ezami l-asserita lezjoni tal-principju ma tissussistix. Kieku hekk riedu, l-appellanti setghu dejjem igibu l-kontro-provi taghhom u jaghmlu l-kontro-deduzzjonijiet ghal dawk tas-socjeta` attrici fuq il-punt tal-pagament. Jekk huma dan ma ghamluhx ma jistghux issa jillamentaw illi kien hemm

xi zvantagg ghalihom bl-akkoljiment tat-talba ghall-produzzjoni tal-provi mis-socjeta` attrici jew mankanza tar-rispett tad-drittijiet tad-difiza. L-ewwel aggravju qieghed, fic-cirkustanzi, jitqies infondat;

B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju ghandu jinghad fl-ewwel lok illi l-enuncjament fis-sentenza "**Manuel Zerafa -vs- Nazzareno Muscat Scerri**" (Prim' Awla, Qorti Civili, 27 ta' Mejju, 1970) citata mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu giet mill-Qorti ta' l-Appell interpretata fis-sens illi l-insenjament li johrog minnha "jestendi l-oneru tal-prova fuq il-kreditur biss f'dawk il-kazijiet fejn id-debitur ikun effettivament issodisfa l-prova tal-pagament lil hinn minn dubju ragonevoli. Ifisser ghalhekk illi sakemm id-debitur konvenut ma jkunx issodisfa dik il-prova u allura ma jkunx adegwatament issostanzja l-eccezzjoni tieghu, l-attur-kreditur ma kien jehtieglu jaghmel xejn biex jiggustifika t-talba tieghu" ("**Desmond Mizzi *nomine* -vs- Patrick Filletti *proprio et nomine***", 28 ta' Jannar, 2000);

Issa l-konvenut appellanti jarginaw l-argoment centrali taghhom bl-aggravju fil-mod infraskritt:-

(i) Huma qatt ma kkontestaw il-fatt ta' l-ezistenza f'xi zmien tal-kreditu pretiz;
(ii) Jikkontendu, invece, illi dak il-kreditu gie estint permezz tal-pagament, u ghalhekk m'ghadux esigibbli;
(iii) La huma gabu l-prova tal-pagament, ghandu jigi ritenut li nholoq dubju ragonevoli bejn iz-zewg versjonijiet u dan kellu jwassal ghall-assoluzzjoni taghhom mill-pretiza tas-socjeta` attrici;

L-ewwel punt hu evidentement konferma tal-fatt illi kreditu kien hemm u dan ghaf-favur tas-socjeta` attrici appellata. Li jfisser, allura, skond il-principju pacifiku tad-dritt *in subjecta materia* illi kien jaggrava fuq il-konvenuti-debituri li jaghtu prova ta' l-estinzjoni tieghu permezz tal-pagament allegat. Kwantu ghat-tieni punt, l-apprezzament valutattiv

mit-Tribunal, ukoll fuq ir-riezami minn din il-Qorti tal-provi attendibbli, hu sewwa indirizzat u ma kienx, u ma setax iwassal, konvincentement, ghall-prova tal-pagament u, allura, ghall-effetti liberatorji mill-pretensjoni tas-socjeta` attrici. Kif wisq tajjeb rikonoxxut mit-Tribunal fuq il-kriterju ta' l-attendibilita` u tal-verosimiljanza, dak iddikjarat mill-konvenut fl-Affidavit tieghu u l-fattura minnu esebita bl-annotazzjoni "PAID" fuqha, ma setghux, f'dawk ic-cirkustanzi, jassumu s-sens attribwit lilhom mill-appellanti tal-pagament sodisfattorju jew l-effett ta' l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni. Jikkonsegwi ghalhekk illi lanqas it-tielet punt ma jista' jakkwista validita ghax ukoll, bir-regoli tar-ripartizzjoni tal-piz tal-provi b'kollox ma kienx jinkombi fuq is-socjeta` attrici appellata li tati prova diretta tal-fatt negattiv illi l-hlas ma sarx. Pjuttost, il-koncezzjoni ta' l-oneru tal-prova kienet tesigi minghand l-appellanti illi huma jaghtu sostenn, b'mod konvincenti, inekwivoku u konklusiv, lill-asserit pagament li huma jghidu li ghamlu. Jibqa' l-fatt illi la ghat-Tribunal, u lanqas ghal din il-Qorti, ma insorga mill-apprezzament tal-provi dak id-"dubju ragonevoli", avvanzat mill-appellanti, dwar jekk id-dejn giex saldat;

Raggunta din il-konkluzjoni mhemmx raguni biex il-Qorti tokkupa ruhha mis-sottomissjonijiet l-ohra ta' l-appellanti dwar jekk d-decizjoni mit-Tribunal gabetx lezjoni tad-dritt ekwitativ ghax dan hu mill-istess apprezzament ta' l-elementi probatorji eskluz. F'kull kaz ukoll, l-appellanti m'ghandhomx raguni fil-kontenzjoni l-ohra taghhom illi d-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici ma humiex ikkonfermati bil-gurament ghaliex ix-xhieda ta' Diane Nascena (fol. 50 *et sequitur*) turi effettivament, illi l-kontra hu l-kaz. Il-konkluzjoni ta' dawn l-konsiderazzjonijiet kollha hi li, wkoll, it-tieni aggravju ma jistax jitqies sostenibbli.

Ghall-motivi kollha predetti din il-Qorti qed tichad l-appell fiz-zewg kapi ta' l-aggravji tieghu u, konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata tat-Tribunal, bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------